# *Il-grawnd ta' Dun Karm Cassar*

## Minn Father Bernard Hersey għal Dun Karm Cassar

### *Miktub minn Alex Spiteri, President Għajnsielem FC.*



Kien Fr Bernard Hersey, il-patri li forsi kien l-ewwel bniedem li beda jċaqlaq liż-żgħażagħ Għajnselmiżi mill-bruda li kellhom u vvintalhom mezz ta' kif iqattgħu ftit tal-ħin liberu li seta' kellhom. Kważi kuljum kien iħalli l-kunvent ta' Ġieżu biex imur ġol-grawnd ta' forti Chambray ħa jgħin liż-żgħażagħ tar-raħal tagħna jieħdu sehem f'ħafna attivitajiet sportivi u kulturali bħal; il-logħoba tal-futbol. Dan li qed ngħid ġara bejn 1930 u 1939 perijodu li fih twieled Għajnsielem FC (1936).

Dak iż-żmien ftit li xejn kienu l-Għawdxin li kienu jafu xinhu futbol, u ġol-grawnd ta' Chambray beda jgħallem liż-żgħażagħ t'Għajnsielem kif jilgħabu l-ballun. Huwa beda jagħti kull inkoraġġiment lil dawn it-tfal li malajr semgħu minnu (Minn fr. Hersey). U bdew jilgħabu kontra irħula oħra u fl-ewwel logħba kompetittiva Għajnsielem rebħu lil Victoria Scouts għaż-'Żammit Cup'. Iżda l-logħba waqfet ħesrem minħabba l-gwerra u meta spiċċat il-gwerra komplew dak li ħallew qabel il-gwerra, dan kien madwar 1944 – 45.



It-tfal Għajnselmiżi baqgħu jilgħabu ġo Chambray sakemm sar sptar. Fl-1949 Dun Karm Cassar, ħa t-tmexxija tal-Azzjoni Kattolika u beda jaħseb fejn ħa jsib post adattat għat-tfal u żgħażagħ Għajnselmiżi. Sab biċċa għalqa ftit metri l-bogħod mill-knisja arċipretali. Dun Karm flimkien ma' Mabbli Xuereb marru għand sid il-għalqa, Ġużeppi Buttiġieġ u meta talbuh biex iċedilhom din il-biċċa art it-twegiba kienet " Le! Mela tridu toqtluni bil-ġuħ?" Meta kienu ħerġin il-barra Dun Karm u Mabbli, Mabbli qal li San Ġwann Bosco ma kienx semagħhom dakinhar iżda wara ftit dan Ġużeppi sejħilhom u qalilhom jekk ittuni tlett liri tal-fertilizzant li kien għadu kemm tefalha jeħduha. Minflok tlieta tawh ħamsa u ħarġu l-barra kollha sodisfatti illi ser ikollhom post fejn jinġabru.



Wara ġabu lill-Isqof biex jara din il-biċċa art u kienu tellgħuh fuq sellum sabiex jara din il-biċċa art.  Dun Karm xtaq jibni ċ-ċirklu, kien għamel pjanta u lesta kollox imma minħabba nuqqas ta' finanzi ma kienx possibbli li jagħmel dan kollu. Bl-entużjażmu li kellhom it-tfal u ż-żgħażagħ bdew biċċa xogħol kbira biex titnaddaf l-għalqa minn ħafna ġebel li kien fiha. Kienu poġġew żewġ lasti tal-injam u f'temp ta' ftit żmien komplew jipprattikaw il-logħba tal-futbol. U kważi kuljum kien ikun hemm it-tfal tar-raħal jilgħabu. Minjaf kemm tfal tajru subgħajhom il-kbir ma' xi ġebla għax dakinhar ma kienx hawn iż-żraben li hawn illum u kulħadd jilgħab ħafi. U hekk ġie l-isem tal-grawnd għax kulħadd kien jgħid sejjer il-grawnd ta' Dun Karm u għadu hekk sal-ġurnata preżenti. Dan kollu seħħ fis-sena 1954.

Wara xi żmien Dun Karm kien talab lill-Gvern biex isir ir-ramel u l-fence madwar il-grawnd. U hekk seħħet parti mill-ħolma ta' Dun Karm li Għajnsielem ikollu grawnd. Il-parti l-oħra tal-ħolma kienet li jibni ċ-ċirklu, din seħħet sebgħa u tletin sena wara meta nbena l-klabb majestuż fejn Dun Karm xtaq li jinbena ċ-ċirklu.



Dun Karm beda jħeġġeġ liż-żgħażagħ taċ-ċirklu sabiex jorganizzaw attivitajiet sportivi u fl-elf disa' mija wieħed u sebgħin, dan waqqaf għall-ewwel darba kompetizzjoni bejn żewġ timijiet il-blu l-abbatini u s-sofor dawk li ma kinux abbatini u wara sar ukoll dak ta' taħt il-ħmistax il-sena u dan kien pass għaqli għax wara bdew jilgħabu mat-tim tal-kbar. Kien sar ukoll lijg tal-kbar organizzat miċ-ċirklu u dawn kienu Eindhoven, Torpedo, Ajax, Funny Bums. Kull sena taċ-ċirklu kienu jagħmlu 'Sports Day' u kienu jġibu tims Maltin jieħdu sehem ukoll.



FI-1974, Il-kumitat t'Għajnsielem FC beda jorganizza l-lijg tat-triqat għal tfal taħt l-għaxra, tnax, ħmistax u tmintax-il sena. It-tims kienu; Balzunetta City, Mġarr ix-Xini, Bengħażi, Simirat, Ħamri u Perellos. Dan il-lijg kien immexxi minn Joe Rapa, u Frank Scicluna. Dan il-lijg dam sejjer xi ftit żmien, iżda minħabba li xi familji bdew jemigraw bdejna nilgħabu b'żewġ timijiet, ta' Balzunetta u tal-pjazza. Bi tnax-il-logħba u kienet tiġbed numru ta' nies u kien hemm xi mumenti fejn kienet tisħon il-qija minħabba r-rivalità li kien hemm bejn Balzunetta u ta' Peċiċa.

Fl-1972 sar l-ewwel lijg tas-sajf f'Għawdex ġewwa l-grawnd Għajnselmiż. L-ewwel tims li ħadu sehem kienu 'red Stars', 'Young Boys' , 'Phantoms' u 'Black Banners' u l-istess Banners kienu rebħu l-ewwel edizzjoni.



Niftakar, konna nkunu madwar tletin tifel nilgħabu kull filgħaxija sakemm jidlam. Niftakar sew ukoll kienet issir logħba tal-anzjani fil-ġimgħa t'Għajnsielem u fl-1992 kienet saret logħba bejn Għajnsielem FC u Victoria Hotspurs bejn l-eks plejers taż-żewġ tims li kienu lagħbu fid-decider tal-ħames kampjonat li rbaħna fl-1974 1-0 gowl ta' Frans Magro.

Il-Grawnd ta' Dun Karm sar aktar importanti meta nbena l-każin fejn Dun Karm 37 sena qabel xtaq li jibni ċ-ċirklu, beda jsir logħob organizzat mill-GFA għal tfal taħt l-erbatax u tmintax-il sena, u tfal Maltin jagħmlu 'Training Camps'. Dan l-aħħar kellna attivitajiet oħra bħal 'Circus' u 'Luna Park'.



Dan il-grawnd wasal għal bidla kbira, il-ħolma ta' ħafna waslet biex issir realtà. Is-sena elfejn u Erbatax tibqa' fl-istorja tad-deheb li għandu dan il-klabb li l-antenati tagħna ħadmu matul it-tmienja u sebgħin sena, sabiex illum qegħdin ingawdu dak li Fr Hersey u DKC ħadmu għalih. Kull tifel minn Għajnsielem tul dawn is-sittin sena lagħab ġol-grawnd ta' DKC. Dun Karm ma' kienx xi bniedem li hu fanatiku fuq il-futbol iżda ried ikompli jippromovi l-logħoba tal-futbol sabiex iż-żgħażagħ ikunu l-bogħod minn kull tip ta' vizzji qerrieda li kienu jeżistu. Illum, irridu nkomplu dan l-għan li beda bih Dun Karm sittin sena ilu. Issa nappella lill-ġenerazzjoni l-ġdida, biex tgħożż u tapprezza x-xogħol li għamlu għalina matul dawn is-sittin sena. Issa li l-grawnd ser ikun bit-turf inkomplu naħdum sabiex inkabbru l-istorja glorjuża ta' Għajnsielem FC. Minn qalbi, GRAZZI Dun Karm.


